MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 973/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Christian Mangion (K.I. 249976M)**

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta’ Novembru, 2014 li bih **Bank of Valletta p.l.c. (C2833)** (minn issa ‘il quddiem imsejjaħ “is-soċjetà attriċi”), għar-raġunijiet imfissra ppremetta u talab li din il-Qorti:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tliet skritturi privati, waħda datata 22 ta' Mejju 2007 (Dok "A"), oħra datata 18 ta' Frar 2009 (Dok. "B") u l-oħra datata 25 ta' Mejju 2010 (Dok. "C") fejn is-soċjetà attrici kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Christian Mangion.*
2. *Illi s-soċjetà attrici tinsab kreditriċi ta' Christian Mangion fis-somma ta' tnejn u erbgħin elf, ħames mija u erbgħa u tletin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€42,534.43), bilanċ għad-debitu fil-"Consumer Loans u Credit Card Loan Accounts" ta' Chritian Mangion mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D4", Dok. "E1 sa E2" u Dok "F"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-20 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-effettiv pagament;*
3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (esebiti bhala Dok. "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christian Mangion:*

    *(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi,*
    *(b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skritturi privati, u /jew,*
    *(c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Christian Mangion li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-konvenut Christian Mangion ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 3 ta' Ottubru 2012, li kopja tagħha ġiet eżibita u mmarkata Dok. "G" sabiex jitħallas dan id-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqa' inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi li ġejjin:*

*(i) Tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi privati imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument "A sa C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christian Mangion:*

*(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati,*

*(b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew,*

*(c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Christian Mangion li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

*(ii) Tikkundanna lil Christian Mangion ihallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tnejn u erbgħin elf, ħames mija u erbgħa u tletin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€42,534.43), bilanċ għad-debitu fil-"Consumer Loans u Credit Card Loan Accounts" ta' Christian Mangion mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D4", Dok, "E1 sa E2" u Dok "F"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-20 ta' Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.*

Rat illi r-Rikors ġie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u hekk baqa' kontumaċi.

Semgħet lix-xhud Rose Cortis[1], rappreżentant tas-soċjetà attriċi li xehdet fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2015 li mill-ġurnata li ġie ppreżentat ir-Rikors ma sar ebda depożitu u li għalhekk l-ammont għadu kollu dovut.

Semgħet l-avukat tas-soċjetà attriċi.

Eżaminat l-atti tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2015 deher u xehed bil-ġurament il-konvenut Christian Mangion[2] u ammetta t-talbiet attriċi.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw mistħoqqa.

**Illi għalhekk fuq ammissjoni, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

**1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attrici kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi privati msemmija, billi l-konvenut Christian Mangion naqas li jħallas regolarment u fiż-żmien li fih intrabat li jagħmel dan mas-soċjetà attriċi, billi l-istess konvenut naqas li jwettaq l-obbligi l-oħrajn li ntrabat bihom, u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenut li jolqtu ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess soċjetà attriċi.**

**2) Tilqa' t-tieni talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut Christian Mangion biex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tnejn u erbgħin elf, ħames mija u erbgħa u tletin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu**

[1] A fol 67

[2] A fol 70

**(€42,534.43), bilanċ għad-debitu fil-"*Consumer Loans u Credit Card Loan Accounts*" tiegħu, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mill-20 t'Ottubru, 2014 sal-jum tal-ħlas effettiv;**

**Tikkundanna lill-konvenut biex iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

Moqrija

**ONOR. DR. LAWRENCE MINTOFF LL.D.**

**IMĦALLEF**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------